# TARBIJA !

## Sunett ta' Dun Frans Camilleri

*Fi twelid Oliver Paul,*
*bin il-poeta, K. Vassallo.*

*Għajnejha t-tnejn mis-sbieħ u fuq ħaddejha*
*Il-ħmura, li ma tmurx, tħajjar lil ommha*
*Biex tibqa' tbusha u, bla ma tixba', żżommha*
*Kif taf hi biss, bil-ħlewwa, fuq idejha,*

*Bla ma tifhimha, tħares lejn għajnejha,*
*U l-ħarsa, xi daqqiet, tikser fuq fommha.*
*Tross ma' sidirha s-swaba' b'tarf il-komma*
*U tħoss ma' qalbha l-qalb li tħabbat ħdejha.*

*Aqwa minn din ma tafx il-qalb imħabba!*
*Tarbija ċkejkna! Mhux ta' b'xejn sbuħitek*
*Tilgħab fuq xofftok u timlik bil-ħlewwa:*

*Int l-isbaħ frott! u ddum, iddum titrabba...*
*Alla w il-bniedem ħadu sehem f'suritek.*
*Int għallmu 'l bniedem jimxi m'Alla sewwa.*